**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta tal-1 ta' Lulju 2021**

**Rikors Guramentat Numru : 290/2018 JPG**
**Kawza Numru : 27**

**CB**

**Vs**

1. **L-Avukat Dr Graziella Tanti u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar nominati Kuraturi Deputati fl-10 ta' Awwissu 2018 biex jirraprezentaw lill-assenti AM;**

2. **EH, u b'digriet tal-4 ta' Marzu 2019, l-isem EH irid jinqara EH;**

3. **L-Avukat Dr Benjamin Valenzia u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud nominati Kuraturi Deputati fil-5 ta' Settembru 2018 biex jirraprezentaw lill-minuri FM u EM;**

4. **Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' CB datat 9 ta' Novembru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi CB u AM izzewgu nhar is-sebgha (7) ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija disgha u disghin (1999). Vera kopja tac-certifikat taz-zwieg qieghed jigi hawn*

*anness u mmarkat bhala Dok. 'CB1';*

2. *Illi fis-sitta (6) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlieta (2003) twieldet FM li ghandha hmistax (15)-il sena, filwaqt li fis-sebgha (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbgha (2004) twieled EM li ghandu erbatax (14)-il sena. Kopja tac-certifikati tat-twelid qeghdin jigu hawn annessi u mmarkati bhala Dok. 'CB2' u Dok 'CB3' rispettivament;*

3. *Illi l-istess partijiet ilhom annullati mit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju tas-sena elfejn u sebgha (2007) permezz ta' sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), kopja ta' liema qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'CB4';*

4. *Illi permezz ta zewg DNA Tests datati t-tmienja u ghoxrin (28) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018) irrizulta li l-missier tal-minuri huwa filfatt EH. Kopja ta liema qeghdin jigu hawn annessi u mmarkati bhala Dok. 'CB5';*

5. *Illi sussegwentement stante li ghadda t-terminu ta sitt (6) xhur mit-twelid taz-zewg ulied FM u EM, l-attrici ipprevalixxiet ruhha mid-disposizzjonijiet tal-artikolu 73, tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u permezz ta' rikors intavolat fil-25 ta' April 2018 talbet lil Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tawtorizzaha taghti bidu ghal kawza sabiex uliedha FM u EM jigu michuda minn AM u rikonoxxuti bhala t-tfal imwieldin mir-relazzjoni bejnha u bejn EH. Din it-talba giet milqugha permezz ta' Digriet tal-istess Qorti tad-29 ta' Ottubru 2018. Kopja tar-rikors u tad-digriet qeghdin jigu hawn annessi u mmarkat bhala Dok. 'CB6.*

*Ghaldaqstant u in vista ta dak espost fil-premess l-attrici qieghda umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikjara illi ghal finijiet kollha tal-Ligi, FM u EM mhumiex l-ulied naturali ta' AM izda ta' EH u dan skont zewg DNA Tests datati t-tmienja u ghoxrin (28) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018);*

2. *Tordna lill-konvenut, id-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-Att tat-*

*Twelid ta' FM u EM billi jikkancella isem AM u l-konnotati kollha tieghu tieghu u minflok inizzel bhala missier lil EH u jbiddel kunjom tal-ulied minn dak ta' 'M' ghal kunjom il-missier naturali u cioe' H.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti in subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-Avukat Dr Benjamin Valenzia u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud nominati Kuraturi Deputati fil-5 ta' Settembru 2018 biex jirraprezentaw lill-minuri FM u EM, datata 21 ta' Novembru 2018, a fol 29 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi l-kuraturi deputati jitolbu illi jigu prezentati fl-atti ta' dan ir-rikors l-indirizz shih ta' fejn ha jirrisjedu l-minuri li huma jirrapprezentaw waqt il-btala taghhom u kif ukoll numru ta' mobile fejn dawn it-tfal jistghu jigu mitkelma jekk ikun il-kaz.*

*Dan taht sawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti joghgobha timponi fic-cirkostanzi.*

Rat ir-risposta tal-Kuraturi Deputati mahtura sabiex jirraprezentaw l-interess tal-assenti AM, datata 23 ta' Novembru 2018, a fol 45 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi l-esponenti kuraturi deputati mhumiex edotti mill-fatti de quo u lanqas ghandhom mezz jew hjiel ta fejn jistghu jikkomunikaw mal-assenti AM;*

2. *Illi huma raw is-sentenza tal-annullament tal-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju tas-sena elfejn u sebgha (2007), imsemmija fir-rikors odjern, bejn ir-rikorrenti u l-assenti AM fejn l-istess AM kien hemmhekk ukoll assenti u rapprezentat minn kuraturi deputati;*

3. *Illi bla pregudizzju anke ghal dak li jirrizultalhom fl-eventwali rikors guramentat fl-ismijiet premessi jintqal ukoll illi raw kopja informali tal-ezami tad-DNA fejn juri illi missier il-minuri huwa EH u mhux l-assenti AM li qed jirraprezentaw;*

*Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak suespost gialadarba mhumiex edotti mill-fatti u m'ghandhom l-ebda hjiel fejn jinsab l-assenti, l-esponenti kuraturi deputati jirrimettu ruhhom ghad-decizjoni tal-Onorabbli Qorti taht dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet illi l-Onorabbli Qorti jidhrilha jkunu xierqa u opportuni sabiex jissalvgwardjaw id-drittijiet tal-minuri u tal-partijiet.*

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, datata 4 ta' Jannar 2019, a fol 48 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi l-esponent jirrileva li ma huwiex edott mill-fatti hekk kif gew iddikjarati fir-rikors guramentat;*

2. *Illi fil-mertu, l-esponent jeccepixxi illi sabiex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti trid tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u tmenin gurnata qabel it-twelid tal-minuri, ir-rikorrenti kellha relazzjoni extra-maritali ma' EH u barra minn hekk tipprova xi fatt iehor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi genetici li jeskludu lil intimat AM, bhala l-missier naturali tal-imsemmija minuri, u dan ai termini tal-Artikolu 77B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

3. *Illi ghal dan il-ghan, ir-rikorrent pproduciet zewg rapporti tat-testijiet genetici li jikkonfermaw li l-missier naturali tal-minuri huwa EH. Madanakollu u ghal kull bon fini, l-esponent jixtieq jigbed l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti illi l-isem tal-missier naturali tal-minuri hekk kif jidher fuq iz-zewg rapporti tat-testijiet genetici ma jikkombacix ma dak kif imnizzel fir-rikors guramentat. L-esponent huwa tal-fehma li dan jista huwa zball genwin u dan anke tenut kont tal-fatt li n-numru tal-Karta tal-Identita' li hemm imnizzla fuq ir-rapporti in kwistjoni kif ukoll fir-rikors guramentat huwa l-istess;*

4. *Illi bla hsara ghas-suespost f'kas li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti jistieden lil konvenut EH, sabiex jipprezenta d-dettalji personali tieghu, permezz ta' nota li tispecifika senjatament: (1) in-numru tal-karta tal-identita, (2) ismu u kunjomu, (3) l-eta' tieghu meta twieled kull minuri, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieled kull minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieled kull l-*

*minuri. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Att tat-Twelid tal-minuri;*

5. *Illi bla pregudizzju ghal premess, f'kas li jintlaqghu t-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti tirrileva illi l-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandhom jassumu l-minuri;*

6. *Illi bla pregudizzju ghal premess, l-esponenti jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.*

7. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjes kontra r-rikorrenti li qieghda minn issa tigu ingunta in subizzjoni*

Rat it-tieni risposta tal-Avukat Dr Benjamin Valenzia u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud nominati Kuraturi Deputati fil-5 ta' Settembru 2018 biex jirraprezentaw lill-minuri FM u EM, datata 7 ta' Jannar 2019, a fol 50 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi huma mhumiex edott mill-fatti;*

2. *Illi jirrimettu ruhhom ghal dak illi gie konkluz mir-rapport tad-DNA, salv illi dan ghandu jigi kkonfermat bil-gurament minn min ghamel l-istess testijiet u wasal ghall-konkluzjoni misjuba fl-istess rapport.*

3. *Salv eccezzjonijiet ohra permissibbli skont il-ligi ghal dak illi ghandu x'jaqsam ma' kuraturi deputati.*

Rat it-tieni risposta tal-Kuraturi Deputati mahtura sabiex jirrapprezentaw l-interess ta' l-assenti AM, datata 18 ta' Jannar 2019, a fol 57 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi l-esponenti kuraturi deputati mhumiex edotti mill-fatti de quo u lanqas ghandhom mexx jew hjiel ta' fejn jistghu jikkomunikaw mal-assenti AM;*

2. *Illi huma raw is-sentenza tal-annullament tal-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju tas-sena elfejn u sebgha (2007) bejn ir-rikorrenti u l-assenti AM fejn l-istess AM kien hemmhekk ukoll assenti u rapprezentat minn kuraturi deputati;*

3. *Illi bla pregudizzju ghalkemm ir-rikorrenti ipprezentat r-rapporti ta' testijiet genetici ai termini tal-Artikolu 70A tal-Kap16 tal-Ligijiet ta' Malta, li jindikaw li l-missier naturali tal-minuri huwa filfatt EH, dan l-imsemmi rapport jonqos li jigi mahluf mit-tekniku Dr. Marisa Cassar.*

   *Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak suespost gialadarba mhumiex edotti mill-fatti u m'ghandhom l0ebda hjiel fejn jinsab l-assenti, filwaqt li jirrizervaw ghall kull buon fini u jekk hemm htiega f'kas li jinstab, id-dritt ta' risposta ulterjuri ghall-assenti AM, l-esponenti kuraturi deputati jirrimettu ruhhom ghad-decizjoni tal-Onorabbli Qorti that dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet illi l-Onorabbli Qorti jidhrilha jkunu xierqa u opportuni sabiex jissalvagwardjaw id-drittijiet tal-minuri u tal-partijiet.*

**Ikkonsidrat:**

Illi l-**attrici CB xehdet permezz ta' affidavit** a fol 64 et seq tal-process, fejn ikkonfemrat illi hija zzewget lill AM fis- 7 ta' Dicembru tas-sena 1999 meta kellha dsatax- il sena (19). Illi l-imsemmi M kien ta' nazzjonalita' MK u kellu erbgha u tletin sena (34). Isostni illi z-zwieg sehh biss ghal ftit xhur stante li zewgha kellu karattru vjolenti u kien jerfa' idejh fuqha. Tispjega li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal u li mis-sena elfejn (2000) l'hawn, zewgha sparixxa u ma tafx x'sar minnu. Fit- 28 ta' Gunju 2007, hija ottjeniet l-annullament u zewgha kien rapprezentat minn Kuraturi Deputati peress li ma kienux jafu fejn jinsab.

Illi sussegwentement, iltaqat ma' EH f'Novembru tas-sena 2001, u hames xhur wara harget tqila. Illi minn din ir-relazzjoni twieldet FM fis- 6 ta' Jannar 2003 u llum il-gurnata ghandha circa sittax (16)- il sena. Fis- 7 t'Ottubru 2004, twieled EM li llum ghandu erbatax (14) –il sena. Tispjega illi peress li hija kienet ghadha legalment mizzewga lil AM, uliedha hadu l-kunjom M u mhux EH. Tixhed illi mit-testijiet ta' DNA li saru fit- 28 ta' Marzu 2018, esebiti fl-atti, FM u EM jirrizultaw li huma ulied EH u li ghalhekk hija tixtieq li jigu rikonoxxuti minn missierhom li mieghu huma ghandhom relazzjoni tajba hafna u li kunjomhom jinbidel minn M ghal EH.

**Dr Marisa Cassar xehdet permezz ta' affidavit** (*vide fol 71 et seq)* fejn bil-gurament taghha kkonfermat illi certu Paul Sultana kien ghaddielha kampjun orali ta' CB, ta' FM, ta' EM u ta' EH sabiex ikunu jistghu jsiru t-testijiet ta' DNA(Paternity test). Tikkonferma illi mit-testijiet li hija ghamlet jirrizulta illi EH hu l-missier naturali ta' FM u EM, liema rizulta jinsab dikjarat fir-rapporti PT 1701182C1 u PT 1701182C2 li hija ffirmat.

**L-attrici riprodotta** quddiem din il-Qorti nhar it-3 t'April 2019 xehdet illi hija ma kienitx taf fejn qed joqghod zewgha u li hija m'ghandha l-ebda indikazzjoni ta' fejn qed joqghod jew x'sar minnu. Mistqosija jekk hemmx xi tip ta' kommunikazzjoni mieghu, tghid li qatt ma kien hemm min wara li gheb u li hija lanqas ma taf lill-genituri tieghu.

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija kawza maghmula ai termini tal-Artikolu 77B tal-Kodici Civili, ai termini ta' liema:

> "***It-talba ġudizzjarja għad-dikjarazzjoni li persuna huwa ġenitur kif imsemmija fl-artikolu ta' qabel dan, tista' wkoll tiġi eżerċitata mill-ġenitur li wiled permezz ta' rikors ġuramentat quddiem il-qorti kompetenti kontra l-konjuġi l-ieħor, il-ġenitur naturali u l-wild imwieled fiż-żwieġ jekk kemm-il darba tali ġenitur li wiled jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-wild tali ġenitur wettaq adulterju ma' dik il-persuna li dak il-ġenitur ikun qiegħed jitlob li jiġi ddikjarat bħala l-ġenitur naturali tal-wild u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor li jista' wkoll ikunu testijiet u proviġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bħala l-ġenitur naturali tal-wild.***"

Il-Qorti rat illi l-Artikolu 81 jipprovdi illi:

> "**(1)** ***Ħadd ma jista' jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtuh l-att tat-twelid bħala iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.***
>
> ***(2) Hekk ukoll, ħadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att tat-twelid tiegħu.***"

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghall-Artikolu 80 tal-Kodici Civili, skont liema:

> ***"(1) Il-pussess tal-istat ta' iben leġittimu jiġi stabbilit minn ġabra ta' fatti li, meħudin flimkien, jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jgħid li hi l-familja tiegħu.***
>
> ***(2) L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:***
> ***(a) illi t-tifel ikun ġieb dejjem il-kunjom tal-missier li tiegħu hu jgħid li huwa l-iben;***
> ***(b) illi l-missier ikun ittrattah bħala ibnu, u, f'dik il-kwalità, ħaseb għall-manteniment u edukazzjoni tiegħu, u sabiex jikkollokah;***
> ***(ċ) illi t-tifel ikun ġie dejjem magħruf bħala tali man-nies;***
> ***(d) illi huwa jkun ġie magħruf bħala tali mill-familja."***

Fir-rigward tal-Artikolu 81 hawn fuq citat, fis-sentenza fl-ismijiet **Pierre Travers Tauss vs Direttur tar-Registru Pubbliku et noe,** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Mejju 1996 intqal illi:

> ***"Iktar ma jghaddi z-zmien aktar qed taqbad l-gheruq il-fehma li r-realtajiet biologici socjali ghadhom jipprevalu fuq il-prezunzjoni legali li pater est quem iustaw nuptaie demonstrant. Fil-kaz ta' Kroon versus The Netherlands, il-Qorti Ewropea hadet in konsiderazzjoni li n-nozzjoni ta' familja ma kinitx ristretta biss ghar-relazzjonijiet ibbazati fuq iz-zwieg izda tapplika wkoll ghal de facto family ties ohra fejn il-partijiet ikunu qed jghixu flimkien izda mhux fl-ghaqda taz-zwieg. Huwa fid-dover ta' l-istat li jagixxi b'mod li din ir-relazzjoni tkompli tizviluppa fl-interess ta' l-istess minuri. Ghalhekk l-artikolu 81 tal-Kodici Civili m'ghandux johloq ostakolu ghall-akkoljiment tat-talbiet ta' l-attur."***

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti rat illi kif jirrizulta mic-certifikati tat-twelid a fol 7 u 8 tal-process, FM li twieldet fis- 6 ta' Jannar 2003 u li llum ghandha tmintax (18) – il sena, u EM li twieled fis- 7 ta'Ottubru 2004 u llum ghandu sbatax (17) –il sena, gew registrati bhala ulied AM, stante li dak iz-zmien l-imsemmi kienu ghadu legalment mizzewweg mal-attrici. Illi l-proceduri ta' annullament istitwiti mill-attrici fis-sena 2006 gew decizi permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti kif diversament preseduta nhar it-28 ta'Gunju 2007. (Vide kopja informali tas-sentenza a fol 9 tal-process.)

Illi jirrizulta u mhux kontestat illi fiz-zmien tal-koncepiment l-attrici u zewgha AM ma kienux joqghodu flimkien ghaliex M kien kecca lill-attrici ftit xhur wara li gie celebrat iz-zwieg taghhom, stante li l-imsemmi AM qatt ma wera interess li jghix il-hajja mizzewwga maghha. Jidher li minn naha tieghu, z-zwieg tieghu mal-attrici kien biss wiehed ta' konvenjenza u xejn aktar, kif gie kkonfermat fis-sentenza ta' annullament msemmija.

Jirrizulta wkoll illi wara li l-attrici giet mkeccija mid-dar konjugali, hija bdiet relazzjoni mal-konvenut EH u li minn din ir-relazzjoni twieldu l-imsemmija FM u EM. Minkejja li l-imsemmija FM u EM ma setghux jigu registrati bhala ulied EH stante li l-attrici ommhom kienet ghada legalment mizzewga lill M, l-imsemmija FM u EM dejjem jafu lil EH bhala missierhom u li mieghu ghandhom relazzjoni tajba. Illi filfatt kif anke jirrizulta mill-verbal tas-seduta ta' 1 ta' Gunju 2021, l-imsemmi EH permezz ta' l-avukat difensur tieghu informa lill-Qorti illi huwa jikkonferma il-fatt li l-imsemmija ulied huma fil-fatt uliedu u jammetti t-talbiet hekk kif dedotti.

Il-Qorti rat ukoll illi mit-testijiet genetici esebiti f'dawn it-tip ta' kawzi huma l-prova regina, liema testijiet gew kkonfermati minn Dr Marisa Cassar a fol 71 et seq, jirrizulta car illi EH huwa l-missier biologiku ta' FM u EM. Illi ghalhekk il-parentela tal-istess giet stabbilita minghajr ombra ta' dubbju u minn dan isegwi illi t-talbiet attrici huma fondati fil-fatt u fid-dritt, u qed jigu milqugha.

Fir-rigward tal-kunjom tal-minuri, il-Qorti rat illi t-tieni proviso tal-Artikolu 73 tal-Kodici Civili jipprovdi illi:

> "***Iżda wkoll, meta kawża sabiex jiġi miċħud wild issir minn xi wieħed mill-konjuġi wara li jkunu għaddew il-perjodi stipulati fil-paragrafi (a), (b) jew (ċ) skont l-ewwel proviso ta' dan l-artikolu, kull sentenza li biha l-wild jiġi miċħud ma jkollhiex l-effett illi tbiddel il-kunjom tat-tifel jew ta' xi persuna oħra li tkun ħadet kunjomha mingħand it-tifel sakemm il-qorti, fuq talba ta' xi waħda mill-partijiet magħmula jew fir-rikors ġuramentat li bih tkun inbdiet il-kawża jewb'rikors separat magħmul matul il-kawża, ma tipprovdix xort'oħra.***"

Rat ukoll illi t-tieni proviso tal-Artikolu 77 jipprovdi illi:

> "***Iżda wkoll, meta l-filjazzjoni ta' persuna tkun ġiet dikjarata mill-qorti, kull min b'konsegwenza ta' dik id-dikjarazzjoni jkun ser jassumi kunjom***

*li ma jkunx il-kunjom użat minnu qabel dik id-dikjarazzjoni, jew ir-rappreżentant leġittimu tiegħu, jista' jitlob lill-qorti kompetenti b'rikors kontra d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li jitħalla juża dak il-kunjom l-ieħor, u jekk il-qorti tkun sodisfatta li b'dak l-użu ma jkunux ser jiġu preġudikati terzi u, fejn ir-rikors ikun sar għan-nom ta' minuri, li dak l-użu jkun fl-aħjar interess tal-minuri, hija għandha tilqa' dik it-talba u tordna lid-Direttur iniżżel annotazzjoni tad-deċiżjoni mogħtija minnha fuq l-att tat-twelid rilEMti ta' min tkun ġiet hekk dikjarata l-filjazzjoni tiegħu.*"

RelEMti wkoll huwa r-raba' proviso tal-Artikolu 92 (1) tal-Kodici Civili illi jipprovdi li:

"*Iżda wkoll, jekk ir-rikonoxximent jintalab li jsir permezz ta' talba ġudizzjarja quddiem il-Qorti kompetenti wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-proviso, it-talba opportuna sabiex wara kunjom il-missier jiġi miżjud kunjom l-omm għandha ssir lill-Qorti f'kull ħin qabel il-pronunzjament tas-sentenza. Fin-nuqqas ta' dik it-talba t-tifel jieħu kunjom il-missier.*"

Il-Qorti rat illi l-attrici talbet illi FM u EM jiehdu kunjom missierhom u cioe l-kunjom: 'EH'. Ikkonsidrat li FM u EM dejjem kienu jafu lil EH bhala missierhom, il-Qorti tqis illi ma jirrizultax illi l-imsemmija FM u EM jistghu jigu pregudikati bil-bidla fil-kunjom taghhom, u tqis inoltre li jkun fl-ahjar interess tal-minuri li kunjomhom jkun jirrifletti r-realta bijologika u socjali illi wara kollox dejjem ghexew fiha specjalment issa li kibru u waslu biex jiehdu l-istat taghhom. Illi ghaldaqstant il-Qorti tqis illi l-kunjom tal-ulied FM u EM ghandu jinbidel ghal "EH" minflok "M."

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

**(1) Tiddikjara li l-konvenut assenti AM ma hux il-missier naturali ta' FM u EM ;**

**(2) Tiddikjara li FM u EM, huma effettivament ulied naturali tal-konvenut EH detentur tal-karta tal-identita bin-numru 212079 (M);**

**(3) Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet kollha necessarji fic-Certifikat tat-Twelid ta' FM liema att ghandu n-numru elf, sitt mija u dsatax tas-sena**

**elfejn u tlieta (1619/2003) u f'dak ta' EM liema att ghandu n-numru tlett elef, erba mija u tlieta u hamsin tas-sena elfejn u erbgha (3453/2004) sabiex jirrifletti din il-verita' dwar il-paternita' tal-istess fosthom:**

**(a) jbiddel l-kunjom "M" fil-kolonna "Isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" bil-kunjom "EH" fit-tnejn;**

**(a) jhassar il-kliem "AM" fil-kolonna "Isem u Kunjom" b'referenza ghall-Missier it-Tarbija, u minflok inizzel "EH" fit-tnejn, ihassar il-kliem "the said" fil-kolonna "Isem u Kunjom" b'referenza ghall-Omm it-Tarbija fit-tnejn, ihassar n-numru tal-Passaport L299264 fil-kolonna "Id-Dokument ta' l-Identita" relattiv ghall-missier tal-minuri u minflok inizzel n-numru tal-Karta tal-Identita Maltija "212079M" fit-tnejn, ihassar n-numru fil-kolonna "Eta'" b'referenza ghall-missier tal-minuri u minflok inizzel in-numru "23", fic-certifikat ta' FM u "24" fic-certifikat ta' EM, ihassar il-lokalita' fil-kolonna "Fejn Joqghodu", in kwantu jirrigwarda ir-residenza ta' "Missier it-tarbija" u minflok inizzel l-post "Hal Safi, Malta" fit-tnejn, u jnizzel il-kliem "IEH (haj)" fit-tnejn, fil-kolonna b'referenza ghal missier patern.**

**L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri jithallsu mill-attrici.**

**Moqri.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registraur**